# 53. Lejl ta' Fidwa

*Christmas Carol bil-mużika ta' Marija Lourdes Bonnici*

Lejl tax-xitwa, lejl ta' dalma,
iżda f'daqqa minn ġo għar
toħroġ dija l-aktar kbira,
toħroġ ħeġġa bħal tan-nar.

F'nofs il-għar, ġewwa maxtura,
fuq it-tiben hemm tarbija;
d'it-tarbija l-Iben t'Alla
minnha ħierġa din id-dija.

Dija kbira, dawl ta' fidwa,
li l-bnedmin tifdi mid-dnub,
ħeġġa kbira, nar ta' mħabba
tal-bnedmin li ssaffi l-qlub!

Fis-smewwiet Adam u Eva
qed jiftakru fl-ewwel ħtija,
u jithennu li ħtijiethom
illum ġabet din id-dija!

Inżlu kori minn tal-Anġli,
glorja, glorja lkoll kantaw;
ejjew rgħajja minn ġox-xagħri,
ejjew slaten aduraw!

Din il-lejla lejl il-fidwa,
spiċċa l-jasar, ġie l-ħelsien;
ja bnedmin ta' rieda tajba
ejjew ngħannu lkoll flimkien!

6/11/1971